OHSA
Occupational Health & Safety Authority

**15 ta' April, 2025**

# Stqarrija Konġunta mill-OHSA u BCA

**STQARRIJA MILL-AWTORITÀ TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI (BCA) U L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (OHSA)**

Il-BCA u l-OHSA, jiċċaraw li kuntrarjament għall-istqarrija tal-Kamra tal-Periti, dwar il-waqa' ta' scaffolding fi Triq Mikiel Anton Vassalli, fl-Imsida, kemm il-BCA u l-OHSA ħadu l-azzjonijiet neċessarji u immedjati fl-interess tal-ħaddiema u l-pubbliku inġenerali, kif ukoll ħarġu l-ordnijiet neċċessarji.

Iż-żewġ awtoritajiet jtennu li l-assertazzjoni li l-istess awtoritajiet ma ħadux azzjoni hi waħda qarrieqa. Il-BCA u l-OHSA huma kommessi li jkomplu jiżguraw is-sigurtà u l-benesseri tal-individwi kollha li huma affettwati mill-attivitajiet relatati mal-kostruzzjoni.

F'dan id-dawl, huwa vitali li l-partijiet kollha jiddjalogaw b'mod kostruttiv flimkien, u kif ukoll jivverifikaw l-informazzjoni, relatata ma' sigurtà pubblika u regolamentazzjoni, qabel din tiġi diskussa fil-fora pubblika.

-tmiem-